**3 ta' Mejju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Alberto Magri B.A., LL.D.**

Marianna Spiteri *et*

*versus*

Joseph Vella

**Tpaċija – Preskrizzjoni**

*L-artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi li meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpaċija ipso iure. Din it-tpaċija ssir anke mingħajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, u d-djun jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.*

*L-artikolu 1197 ta' l-istess Kodiċi jistabbilixxi li t-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.*

*Minn dan isegwi li l-eċċezzjoni ta' tpaċija fiha nfisha tammonta għall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma għandux jitħallas għax huwa paċjut ma' ammont ieħor dovut mill-*

*kreditur. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' tpaċija xxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi ma jistax ikun hemm tpaċija kemm-il darba l-kreditu mhux dovut għax huwa preskritt.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-12 ta' Diċembru 1991 li biha l-atturi wara li ppremettew li huma l-uniċi aħwa u eredi tal-mejjet Carmelo Spiteri li ma kienx miżżewweġ u ma kellux tfal kif jirriżulta mid-dokumenti annessi Dok. Ċ, D u E; illi l-konvenut kien debitur tad-*decujus* fis-somma ta' mitejn u ħamsa u tmenin lira maltija (Lm285) rappresentanti prezz ta' bieb magħmul u kkonsenjat minn Carmelo Spiteri; illi msejjaħ biex iħallas dan id-dejn il-konvenut baqa' inadempjenti; talbu li din il-Qorti:

1. Tordna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u ħamsa u tmenin lira maltija (Lm285) oltre interessi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Settembru 1991 u tal-mandat u qbid ippreżentat kontestwalment. Il-konvenut hu min issa inġunt biex jidher għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut tat-2 ta' April 1992 li permezz tagħha eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attriċi a terminu ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut ippreżentata fl-udjenza tas-16 ta' April 1993 li permezz tagħha

eċċepixxa t-tpaċija ta' l-ammont mitlub (art. 1196 – 1197 tal-Kodiċi Ċivili);

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi mhux ikkontestat li l-mejjet Karmenu Spiteri kien ħadem u kkonsenja lill-konvenut bieb ta' barra ta' l-eroko kif jidher mill-*invoice* numru 198 tas-16 ta' Settembru 1986 u dana bil-prezz ta' mitejn u ħamsa u tmenin lira maltin (Lm285). Infatti mill-eċċezzjonijiet u mix-xiehda ta' l-istess konvenut jidher li dan il-bieb ġie effettivament ikkonsenjat lilu;

Illi l-konvenut qed jeċċepixxi li hu ma għandu jħallas ebda ammont billi: (a) l-azzjoni hija preskritta a termini ta' l-artikolu 2148(a) u (b) billi kien hemm it-tpaċija ta' l-ammont mitlub a termini ta' l-artikoli 1196/1197 tal-Kodiċi Ċivili;

L-artikolu 1196 tal-Kap. 16 jistabbilixxi li meta tnejn min-nies **huma debituri** lejn xulxin, issir bejniethom it-tpaċija *ipso jure*. Din it-tpaċija ssir mingħajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, u d-djun jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs;

L-artikolu 1197 tal-Kap. 16 jistabbilixxi li t-tpaċija *ssir* **biss** bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus ... u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu;

Minn dawn naraw li l-eċċezzjoni ta' tpaċija fiha nnifisha tammonta għall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma għandux jitħallas għax huwa paċut minn ammont

ieħor dovut mill-kreditur. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' tpaċija ssollevata mill-konvenut ixxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi *ma jistax ikun hemm tpaċija kemm-il darba l-kreditu mhux* dovut għax dan huwa preskritt. F'dan is-sens għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi akkolta;

Dwar *it-tapċija din hija ammissibbli* biss bejn żewġt idjun li jkunu likwidi kif jistabbilixxi l-artikolu 1197. Fil-każ in eżami l-pretensjoni attriċi hija ċertament għal ammont likwidu fis-somma ta' mitejn u ħamsa u tmenin lira maltija skond l-*invoice* Dok. RZ, mentri l-pretensjoni tal-konvenut ma tirriżulta minn imkien f'ammont ċert. Anzi jiġi rrilevat li d-difiża ta' l-istess konvenut kienet konfuża. Fl-*affidavit* tiegħu l-konvenut xehed li l-mejjet Karmenu Spiteri kien offrielu li jagħmillu l-bieb ta' barra (ċjoè il-bieb in kwistjoni) bħala rigal tat-tieġ u l-konvenut aċċetta bil-qalb. Fil-kontro eżami l-konvenut qal li huwa kien ħadem xogħol ta' l-elettriku għal Karmenu Spiteri bejn is-snin 1977 u 1987 jew 1986 u li l-prezz tal-bieb kien ġà paċut ma' xi ammonti li kellu jieħu mingħand Spiteri;

Ma ġew ippreżentanti ebda *invoices* biex jiġġustifikaw il-pretensjoni tal-konvenut għal xi ammont lilu dovut u lanqas ma jirriżulta li dan ix-xogħol allegatament magħmul minnu kellu b'xi mod jiġi kkumpensat bi ħlas;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' mitejn ħamsa u tmenin lira maltija (Lm285) oltre l-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Settembru 1991;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.